112, Triq Ġulju, Bugibba,
San Pawl il-Baħar SPB 2617

**REĠJUN TRAMUNTANA**

**Laqgħa Reġjonali Nru. 27 ta' 2025, miżmuma nhar il-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2025, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv ta' Reġjun Tramuntana.**

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | President |
| • Angelo Micallef | Balzan | Viċi President |
| • Paul Vella | Mġarr | Membru |
| • Ċensu Galea | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • Gabriel Micallef | Mellieħa | Membru |
| • Stefan Cordina | Ħ'Attard | Membru |
| • Norbert Dalli | San Ġwann | Delegat |
| • Aiken Zerafa | Mosta | Delegat |
| • Mark Deguara | Naxxar | Delegat |

| | |
|---|---|
| • Bjorn Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

# AĠENDA

1. Ittri ta' Apoloġija
2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru. 26
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President
4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera
5. Aġġornamenti u diskussjoni;
   - 5.1 Reviżjoni tal-Limiti fuq Transazzjonijiet Bankarji
   - 5.2 Ingaġġ ta’ impjegati ġodda
   - 5.3 Approvazzjoni għall-Akkwist ta’ Tagħmir għall-Ixandira Diretta tal-Laqgħat
   - 5.4 Punti oħra ta’ diskussjoni
6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti
7. Aġġornament
8. EUI URBACT - Promoting the City-to-City Exchanges

---

Il-laqgħa nfetħet mill-President Clifford Galea fis-17:30 ta’ filgħaxija.

**1. Ittri ta’ Apoloġija**

Il-President informa li l-kunsillier Mark Deguara qiegħed jattendi minflok is-Sindku Christopher Deguara.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru.26**

Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa numru 26 hekk kif miktuba mis-Segretarju Eżekuttiv.

Fuq proponiment tas-Sindku Paul Vella, issekondat mis-sindku Stefan Cordina, kien hemm qbil unanimu u l-minuti ġew approvati hekk kif preżentati.

**3. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President**

**3.1 Aġġornament dwar is-Sitwazzjoni tal-Immaniġġjar tal-Iskart fir-Reġjun**

Ma kien hemm l-ebda feedback, ħlief li d-Direttur Ġenerali għadu qed jistenna risposta mingħand id-Dipartiment tal-Kuntratti. Ma kienx hemm titjib jew tibdil fil-problemi li ssemmew fuq din il-mejda bħalma huma l-GPS, il-ħinijiet twal tal-ġabra u l-fatt li żibel li jinġabar barra mill-lokalitajiet mir-Reġjun tagħna qed jiġi attribwit lilna (RT). Dan ġie nnutat wara li s-Segretarju Eżekuttiv għal darb’oħra segwa vettura li suppost tiġbor l-iskart mir-Reġjun tagħna, iżda ġabret ukoll skart minn diversi

toroq f'lokalità oħra barra mir-Reġjun tagħna. Wara li daħlet fil-faċilità tal-Magħtab u batlet it-tagħbija tagħha, ġie muri li l-piż kollu ta' madwar 14-il tunnellata intefa' fuq ir-Reġjun Tramuntana. Jekk wieħed jassumi li 60% ta' dan il-piż kien miġbur barra mir-Reġjun tagħna, u kull tunnellata ta' skart imħallat (borża sewda) tiswa lir-Reġjun €80 kull tunnellata, dan ifisser li kull darba li tinġabar borża sewda minn din iż-żona r-Reġjun qed ibati madwar €650 f'tariffi ta' tipping li mhumiex tiegħu. F'sena dan jammonta għal kważi €70,000. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kuntrattur u lill-awtorità kompetenti dwar dan.

### 3.2 Aġġornament – Ftehim dwar Ħlasijiet Bin-Nifs mill-Kunsilli Lokali lejn ir-Regjun

Intbagħat abbozz ta' ftehim lill-Kunsill Lokali ta' Attard, kif kien mifthiem fil-laqgħa ta' qabel, sabiex jitħallsu l-pagamenti dovuti kif stipulat fit-tali ftehim.

### 3.3 Aġġornament – il-Proġett Mużikali Kollaborattiv mar-Regjun Tramuntana b'risq Puttinu Cares

Il-kunċert huwa ppjanat li jsir nhar il-Ħadd, 23 ta' Novembru 2025, ġewwa Palazzo Parisio fin-Naxxar, fejn se tiġi mnedija CD b'kompożizzjonijiet magħrufa ta' soundtracks ta' Disney. Il-proġett sar bl-għajnuna finanzjarja tar-Regjun Tramuntana. Is-Segretarju Eżekuttiv nnota b'dispjaċir li, kuntrarju għal dak li kien miftiehem, ma kien hemm l-ebda emblema jew rikonoxximent għall-kontribuzzjoni konsiderevoli tar-Reġjun Tramuntana. Huwa talab spjegazzjoni għal dan u insista li, jekk ma jintlaħaqx ftehim, il-kontribuzzjoni għandha tintalab lura u l-istess fondi jingħataw direttament lil Puttinu Cares.

### 3.4 Talba għal Sponsor ta' Premjijiet għall-Istħarriġ relatat mar-Rapport tal-Impatt Soċjali tar-Reġjun Tramuntana

Ir-Regjun Tramuntana ser jibda jaħdem fuq aġġornament tas-Social Impact Assessment u biex jiġbor informazzjoni dwar diversi aspetti tar-reġjun. Sabiex ikun hemm parteċipazzjoni ferm akbar minn dik tal-ewwel edizzjoni, ġie mitlub l-appoġġ ta' diversi negozji lokali biex joffru vouchers bħala premjijiet għal dawk li jimlew il-kwestjonarji li ser jintbagħtu f'kull dar u negozju. S'issa l-parteċipazzjoni kienet pożittiva ħafna.

### 3.5 Appoġġ Meħtieġ għall-Inizjattiva Komunitarja tal-Istaġun tal-Milied – Talba għal Donazzjonijiet

Bħalma għamilna s-sena l-oħra, ser nippruvaw ngħinu lill-familji u individwi fil-bżonn. Għalhekk inħarġet sejħa lin-negozji lokali sabiex ikun jista' jinxtara ikel bi prezz imnaqqas jew jingħataw donazzjonijiet. Ħafna organizzazzjonijiet wrew ix-xewqa li ngħinuhom u għalhekk ir-Reġjun, flimkien mal-kunsilli lokali, qed jagħmel l-almu tiegħu sabiex jgħin kemm jista'. Hemm xi għaqdiet tal-Knisja u oħrajn li qed jorganizzaw ikliet għall-anzjani u individwi li jkunu waħedhom fil-lokalità, u dawn ukoll talbu xi għajnuna. Jekk il-membri jkunu jafu b'xi avvenimenti partikolari qed jiġu mitluba biex jinformawna sabiex inkunu nistgħu naħdmu flimkien għall-ġid komuni.

### 3.6 Minn Malta sal-Indja: Mixja ta' 12,000km għall-Għarfien dwar il-Klima

Ġejna avviċinati minn persuna li ser twettaq mixja minn Malta sal-Indja bil-għan li xxerred il-messaġġ favur azzjonijiet ta' fejda li jgħinu fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Saru diskussjonijiet u aktar dettalji ser jingħataw hekk kif dawn jiġu ċċarati.

### 3.7 Aġġornament – Adventure and Nature Therapy - Team Building

Saru diskussjonijiet u ntbagħat abbozz ta' programm. Ser inkunu qed naħdmu mal-kunsilli lokali, walking clubs, individwi u aġenziji tal-Gvern sabiex dan il-programm ikun effettiv u jikkomplementa l-ħidma tar-Reġjun f'dak li jirrigwarda l-isport, l-ambjent u s-saħħa mentali.

### 3.8 Ċertifikazzjoni ta' Dokumenti ta' Identità – APS Bank

Qed jiġu ppreparati dokumenti sabiex inkunu nistgħu nkomplu l-proċess li bih nistgħu niftħu kont ġdid mal-APS Bank (fixed term deposit account), li joffri imgħax ferm ogħla minn banek oħra.

### 3.9 Trolleys għall-WEEE, Bin għall-Batteriji Użati u Sett ta' Bins għas-Separazzjoni tal-Iskart

Fil-jiem li għaddew, is-Segretarju Eżekuttiv talab informazzjoni dwar min jixtieq ikollu WEEE trolleys, bins għall-batteriji użati u bins għas-separazzjoni tal-iskart, sabiex inkunu nistgħu nikontribwixxu b'mod aktar effettiv lejn separazzjoni għaqlija ta' skart elettroniku u elettriku.

Is-Sindku Paul Vella irrimarka li t-tubi u l-bozoz, li huma oġġetti delikati, s'issa m'hemmx servizz apposta biex jinġabru. Huwa sostna li jkun

opportun li jiġu provduti servizzi adegwati sabiex dawn l-oġġetti jintremew b'mod xieraq.

Ġie rrimarkat ukoll il-fatt li l-affarijiet li jintremew f'dawn il-WEEE trolleys huwa illegali li jinġabru minn residenti jew persuni oħra; dawn għandhom jinġabru biss mill-entitajiet responsabbli biex jbatlu t-trolleys.

**3.10 WasteServ – Ġimgħa Ewropea għall-Inizjattivi ta' Tnaqqis fl-Iskart (EWWR 2025)**

Qed titqassam lista ta' inizjattivi mehmuża fejn ir-Regjun Tramuntana applika ma' WasteServ biex ifakkar il-Ġimgħa Ewropea għat-Tnaqqis tal-Iskart. Il-kunsilli kollha rċevew komunikazzjoni mingħand WasteServ u, b'hekk, ir-Regjun Tramuntana ħejja dan il-programm sabiex ikun jista' jitħaddem flimkien għal din il-ġimgħa partikolari.

**3.11 Tindif madwar il-Parkeġġ ta' Għajn Tuffieħa – (10 ta' Jannar 2026)**

Ser isir tindif estensiv fil-limiti tal-Imġarr u l-Mellieħa, fiż-żona magħrufa bħala l-parkeġġ tar-Riviera Martinique. Se joħroġ avviż għal dawk li jixtiequ jipparteċipaw.

**3.12 Festival of Gambori**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li r-Reġjun ta għajnuna lil komunità ta' anzjani fi ħdan ir-Reġjun li ħadu sehem fil-festival imtella' minn Teatru Malta. Dawn l-anzjani wettqu taħriġ fid-drama għal disa' xhur fis-sala tal-Kunsill Lokali tal-Mosta u ser jippreżentaw diversi produzzjonijiet teatrali fit-Teatru ta' San Vinċenz De Paul fl-aħħar weekend ta' Novembru, kif ukoll f'Għawdex.

**3.13 Aġġornament - Animal Welfare, Cat Neutering**

Minħabba l-problemi numerużi fil-passat, ir-Reġjun ser jevalwa s-sitwazzjoni fir-rigward tal-isterilizzazzjoni tal-qtates, il-problema tal-hornets, it-tags u aspetti oħra relatati mal-benesseri tal-annimali, sabiex jiġu indirizzati b'mod olistiku. Minkejja diversi tentattivi ta' għajnuna dwar l-isfidi li qed joħolqu t-tiġieġ u l-ħamiem, jidher li ser ikun meħtieġ li dan isir mir-Reġjun Tramuntana bl-għajnuna ta' xi membri tal-istaff mill-Kunsill Lokali.

**3.14 Team Building 11 ta' Diċembru 2025 fid-9.00 – Simar Nature Reserve**

**Il**-President informa li nhar il-Ħamis, 11 ta' Diċembru 2025, ser isir team building. Matul l-attività ser ikunu ppreżentati angli magħmula minn injam riċiklat biex jinżebħu, kif ukoll diversi attivitajiet fiżiċi.

**3.15 L-Ikla tal-Milied bejn il-membri u l-istaff**

Il-membri tar-reġjun flimkien ma l-istaff qed jigu mistiedna għal ikla tal-milied. Id-Data miftema ser tkun il-Ġimgħa 09 ta' Jannar 2026.

**3.16 Proposta għall relazjonijiet pubbliċi**

Il-President informa li r-Reġjun ser jikkollabora ma' Side Street sabiex jitħejjew sitt posts fuq il-midja soċjali dwar il-ħidma diversa tar-Reġju

**3.17 Fond Allokat għall-Pubblikazzjonijiet**

Il-President informa li r-Reġjun nieda skema ta' €5000 għal disa' kunsilli lokali, sabiex min japplika jkun jista' jippubblika kotba ta' riċerka. F'dan il-każ, l-applikazzjonijiet waslu mill-lokalità tal-Mosta u minn dik tan-Naxxar, u l-fond ser jinqasam bejn dawn iż-żewġ kunsilli.

**3.18 Aġġornament – Festa Working Groups**

Il-President informa li s-subgroups li ġew imsemmija waqt il-Konferenza tal-Festi ser jiġu diskussi, u l-istakeholders ser jiġu mħeġġa biex jipparteċipaw.

**4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija ulterjuri.

**5 Aġġornamenti u diskussjoni;**

**5.1 Reviżjoni tal-Limiti fuq Transazzjonijiet Bankarji**

Ir-Reġjun irċieva talba mingħand il-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart, li qed jitlob li jitħallas permezz ta' bank transfer kull xahar minflok b'ċekk. B'riżultat ta' dan, ir-Reġjun qed iressaq proposta sabiex tittieħed deċiżjoni li l-limitu ta' tranżazzjonijiet bankarji jiżdied minn €70,000 għal €300,000, sabiex tkun tista' tiġi akkomodata din it-talba. Jekk ikun hemm qbil, dan ser jidħol fis-seħħ minn Jannar 2026.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Aiken Zerafa, issekondata mis-Sindku Paul Vella, kien hemm qbil unanimu dwar dan il-proċess.

**5.2 Ingaġġ ta' impjegati ġodda - Applikazzjonijiet għal Pożizzjonijiet ta' Clerk (Skala 15)**

Il-President informa li llum stess, qabel il-laqgħa reġjonali, saru l-interviews maż-żewġ applikanti li ressqu l-applikazzjoni tagħhom għal postijiet vakanti ta' skrivan (Skala 15) fir-Reġjun tat-Tramuntana. Dawn l-applikanti ġew magħżula minn aktar minn 50 applikant, li minnhom madwar 15 ġew shortlisted. Sfortunatament, ħafna minn dawn ma setgħux jipprovdu kopja taċ-ċertifikati tagħhom. Oriġinarjament kienu msejħa tliet applikanti għall-interview, iżda waħda minnhom informatna li ma kinitx ser tattendi.

Il-Bord tal-interviews kien jikkonsisti mis-Sindku Paul Vella, il-Kunsillier Aiken Zerafa u l-President, filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv kien ukoll preżenti. Wara l-interviews, u wara li ġiet ikkonfermata l-eżistenza tar-rekwiżiti meħtieġa kif ukoll il-provediment ta' kondotta nadifa mill-applikanti, il-Bord iddeċieda li jiġu ingaġġati ż-żewġ kandidati għall-pożizzjonijiet.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Norbert Dalli issekondata mis-Sindku Dale Hayman, kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**5.3 Approvazzjoni għall-Akkwist ta' Tagħmir għall-Ixandira Diretta tal-Laqgħat**

Dan il-punt ma ġiex diskuss.

**5.4 Punti oħra ta' diskussjoni**

Ma kien hemm l-ebda punt ulterjuri ta' diskussjoni

**6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti;**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni l-Iskeda ta' Pagamenti Numru 194 għall-perjodu bejn l-24 ta' Ottubru 2025 u l-19 ta' Novembru 2025.

L-iskeda msemmija ġiet approvata fuq proposta tas-Sindku Paul Vella, issekondata mil-Kunsillier Aiken zerafa, u l-membri qablu unanimement.

**7. Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-19.00 ta’ filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar nhar il-Ġimgħa 5 ta’ Diċembru 2025 fil-17.30, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Naxxar, qabel in-networking event tal-Milied.

**8. EUI URBACT - Promoting the City-to-City Exchanges**

Dan il-punt se jiġi diskuss f’waħda mill-laqgħat li ġejjin.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Clifford Galea | Bjorn Bonello |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati illum il-Ġimgħa 5 ta’ Diċembru 2025